MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2006

Numru 695/2002

Il-Pulizija
(Sp Bernard Zarb)
vs
Saviour Micallef, iben Saviour,
imwieled Qormi fl-24 ta'
settembru, 1962
u
Emanuel Micallef, iben Saviour,
imwieled Qormi fil-15 ta'
novembru, 1953yu

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati talli f'dawn il-Gżejjer, fil-25 ta' lulju, 2002 u fiż-żmien ta' qabel, f'Ħal-Qormi u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda –

1. xjentement qegħdu fiċ-ċirkolazzjoni, biegħu jew żammu għal bejgħ, jew importaw għall-ħsieb ta' kummerċ, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema mxebbħin b'qerq u cioe' aċċessorji ta' l-elettriku tal-marka 'Crabtree';
2. bi qliegħ jew bi skop ta' kummerċ, stampaw, immanifatturaw, idduplikaw jew mod ieħor ipproduċew jew ikkupjaw jew biegħu, qassmu jew mod ieħor offrew għal bejgħ jew biex iqassmu xi artikolu jew xi ħaġa oħra u cioe' aċċessorji ta' l-elettriku tal-marka 'Crabtree' bi ksur ta' jeddijiet li joħorġu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna u cioe' Titan International Limited rapprezentati minn Dr. Louis Thompson LL.D. u soċjetajiet oħra, protetti bil jew taħt il-liġi ta' Malta;
3. b'hekk jitqiesu li operaw mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija a tenur ta' l-A.L. 120 taħ l-1992.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-liġi, tordna l-konfiska tal-oġġetti kollha eżebiti. Kif ukoll, jekk ikun il-każ, tikkundanna lil Saviour Micallef u Emanuel Micallef għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti fil-proċeduri skond l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputati bil-ġurament.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputati.

Ikkunsidrat,

Illi fl-ewwel lok, l-abbli difensur ta' l-imputati eċċepew illi għal dak li tirrigwarda t-tieni akkuża l-prosekuzzjoni ma kellhiex kwerela da parti tal-parte ċivile biex jibda dawn il-proċeduri. Din il-Qorti mhiex ta' din il-fehma għas-sempliċi fatt li a bażi tal-artikolu 537 tal-Kodiċi Kriminali l-kwerela tista' ssir bil-fomm u din ġiet segwita bil-miktub skond il-liġi, kif jirrizulta mill-atti proċesswali. Għalhekk, din il-Qorti ser tgħaddi fuq il-meritu ta' dan il-każ.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fil-25 ta' lulju, 2002 Saviour Abela, general manager tas-soċjeta' Titan International Ltd. li huma l-aġenti lokali tas-soċjeta' estera proporjetarja ta' l-isem 'Carbtree', informa lill-pulizija li l-imputati kienu qed ibiegħu prodotti tal-elettriku bl-isem 'Crabtree' li setgħu kienu kontrafatti. Il-pulizija għamlet tfittxija fil-ħanut u fil-maħzen ta' l-imputati li joperaw taħt l-isem tas-soċjeta' 'Master Electric Company Limited' u hemmhekk sabu numru ta' 'surface boxes' bl-isem 'Crabtree'. Waqt it-tfittxija l-imputat Saviour Micallef kien preżenti u dak il-ħin stess informa lil min kien qed jagħmel din it-tfittxija li dawk l-oġġetti ġew mixtrija minn fiera li saet fiċ-Ċina. Waqt it-tfittxija rrizulta li kien hemm oġġetti oħra ta' ditti oħra li kienu ġew mixtrija minn din il-fiera.

Illi s-soċjeta' kwerelanti ġabet provi biżżejjed li juru li l-prodotti li ġew elevati mill-pulizija huma kontrafatti u dan minħabba diversi fatturi. Fl-ewwel lok, il-prodott oriġinali għandu miktub 'Crabtree England'. Il-prodott kontrafatt għandu miktub 'Crabtree' biss. Fit-tieni lok, il-'packing' hu differenti. Fit-tielet lok, anki vizwalment jidher ċar li l-prodott kontrafatt hu ta' kwalita' inferjuri. Għal dawn ir-raġunijiet mhemm ebda dubju li l-prodotti elevati mill-pulizija huma kollha kontrafatti.

Illi l-imputati xehdu li huma xtraw dawn l-oġġetti flimkien ma oħrajn minn fiera fiċ-Ċina u ta' dan ġabu bħala prova d-dokumenti kollha ta' importazzjoni. Huma xehdu li huma ma ordnaw ebda prodott bl-isem 'Crabtree' iżda raw l-oġġett u ġenerikament ordnaw kwantita' tal-imsemmi oġġetti u cioe' 'service boxes'. Fil-fatt fid-dokumentazzjoni eżebita ma hemm ebda ndikazzjoni li dawk l-oġġetti kienu qed jiġu spaċċati taħt l-isem 'Crabtree'. Min-naħa l-oħra l-imputat ilhom f'dan in-negozju għal iktar minn tmintax il-sena u misshom kienu jafu kif isiru l-ordnijiet iċ-Ċina, li jekk ma tizgurax li dak li qed tixtri huwa skond l-ispeċifiki tiegħek jista' jinqala problema. Huma ma għalqux dan in-negozju bl-aħjar abilita' li wieħed jistenna minn persuni navigati f'dan ix-xogħol. Iżda min-naħa l-oħra, jista' jkun hemm attenwanti fis-sens li ma jirrizultax li mportaw dawn l-oġġetti bl-intenzjoni ċara li dawn kienu kontrafatti. Dan

il-fattur ser jittieħed in konsiderazzjoni fl-erogazzjoni tal-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputati ħatja tal-akkużi kollha miġjuba kontra tagħhom.  Rat l-artikoli 298(1)(f) u 298B(1) tal-Kodiċi Kriminali u l-A. L. 120 ta' l-1992 u tikkundanna lil kull wieħed mill-imputati għal ħlas ta' multa ta' mitejn liri maltin (Lm200) kull wieħed minnhom.  Tordna l-konfiska u id-distruzzjoni tal-oġġetti kollha kontrafatti eżebiti fl-atti ta' din il-kawża.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------